# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Frar 2021**

**Rik. Gur. Nru: 158/2019 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**MP**

**Vs**

**JNP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MP, datat 20 ta' Gunju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Gunju 1980 u minn dan iz-zwieg twieldu erbat (4) itfal, illum ilkoll maggorenni;*

2. *Illi matul iz-zwieg, il-partijiet kienu jghixu flimkien fid-dar matrimonjali ossia l-appartament bl-indirizz X mikri lill-partijiet matul iz-zwieg minghand l-Awtorita' tad-Djar.*

3. *Illi l-intimat rrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti ta' eccessi, mohqrija, sevizzi, theddid, u offizi gravi u ghalhekk il-hajja tal-kontendenti flimkien ma ghadhiex aktar possibbli minhabba li z-zwieg taghom tkisser irrimedjabbilemnt bi htija tal-istess intimat.*

4. *Illi di fatti, matul iz-zwieg l-intimat kemm-il darba kien isawwat, ikasbar u jahqar lill-esponenti u dan l-attegjament iggrava ferm meta nqatel it-itfel tal-partijiet, JP nhar il-21 ta' Awwissu 2014.*

5. *Illi matul iz-zwieg l-esponenti kellha titlob l-ghajnuna tal-Pulizija f'diversi okkazzjonijiet differenti minhabba l-agir vjolenti ta' zewgha, u fil-fatt l-istess intimat kien tressaq il-Qorti u kkundannat ghal hmistax-il (15) xahar prigunerjia f'kaz deciz fil-21 ta' Jannar 2016 (Il-Pulizija v. JNP – Appell Inferjuri 480/2015 EG) u sussegwentement rega' gie kkundannat sitt (6) xhur prigunerjia f'kaz iehor deciz nhar it-22 ta' Novembru 2018. (Il-Pulizija v. JNP– Appell Inferjuri 395/2017 CSH).*

6. *Illi minkejja l-isforzi kbar li ghamlet l-esponenti sabiex jintlahaq ftehim bonarju mal-intimat dwar is-separazzjoni taghhom, ebda ftehim ma ntlahaq minhabba n-nuqqasijiet tal-istess intimat.*

7. *Illi permezz ta' digriet datat 6 ta' Marzu 2019 l-esponenti giet awtorizzata sabiex tirrisjedi wahedha fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' l-intimat u giet awtorizzata wkoll tbiddel is-serratura ta' l-istess fond;*

8. *Illi permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' April 2019, l-istadju ta' medjazzjoni bejn il-partijiet gie maghluq u l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza odjerna (ara vera-kopja tad-digriet hawn anness u mmarkat Dok. 'A').*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat;*

2. *Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja wahda lill-esponenti u l-ohra lill-intimat, bin-nomina okkorrendo ta' periti biex jaghmlu l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponu pjan ta' qasma;*

3. *Tassenja lill-esponenti l-kirja tad-dar matrimonjali X mikri lill-partijiet minghand l-Awtorita' tad-Djar u teskludi lill-intimat milli jgawdi minn din il-*

*kirja u/jew jirrisjedi fl-istess fond;*

4. *Tordna lill-intimat jirritorna u/jew ihallas lill-esponenti , fi zmien qasir u perentorju prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, l-oggetti u l-krediti parafernali kollha taghha;*

5. *Tapplika kontra l-intimat id-disposizzjonijiet tal-Artikoli tmienja u erbghin (48), wiehed u hamsin (51), tnejn u hamsin (52) u tlieta u hamsin (53) tal-Kodici Civli.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat skond il-ligi, naqas milli jippresenta risposta tieghu (vide dorso fol 11) u naqas milli jidher, ghaldaqstant huwa kontumaci (vide digriet ta din il-Qorti tal-10 ta' Dicembru 2019, fol 16);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat il-fakolta moghtija lill-intimat sabiex jippresenta is-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda baqa' inadempjenti (vide fol 223);

**Ikkonsidrat:**

**Josephine Formosa,[1] Social Support Worker mal-Fondazzjoni Dar il-Hena** u stazzjonata Dar Papa Frangisku gewwa Birkirkara mitluba iggib rendikont dwar l-intimat, tikkonferma li in-nurmu tal-karta tal identita tieghu huwa 593463M u jirrizulta li kien residenti Dar Papa Frangisku f'Birkirkara bejn is-26 ta' April 2019 sal-4 ta' Lulju 2019. Tixhed illi hija kienet irceviet karti mill-Qorti li kienu jappartjenu lill-intimat fit-3 ta' Lulju 2019 u kkonfermat li kif

[1] Vide Xhieda datata 10 ta' Dicembru 2019 a fol 18A.

gie l-intimat dakinhar stess fl-ghaxija, huma ghaddewlu l-karti. Tispjega illi l-procedura taghhom hija li kwalunkwe karti li jaslu fir-residenza huma jaghtuha lir-resident pero x'jaghmel biha r-resident huma ma jkunux jafu. Tikkonferma li huma ghaddewlu id-dokument fit- 3 ta' Lulju 2019 u l ghada cioe fl-4 ta' Lulju 2019, l-intimat telaq mir-residenza u ma regax mar lura.

**Is-Surgent Sandro Mallia** li xehed fis-seduta tad-19 ta'Frar 2020 quddiem l-Assistenta Gudizzjarju (vide fol 158, Vol 1) prezenta total ta' hamsa u tletin (35) rapport (Vide Dok SM1-SM35) li ghamlet l-attrici fil-konfront tal-intimat. Jispjega illi l-ewwel rapport u cioe r-rapport immarkat dok SM1 jirrisali ghas-sena 2019. Izid illi l-attrici kienet tmur l-ghassa ta' Rahal Gdid u r-rapporti kienu jirrelataw mal-fatt li l-intimat kien jheddidha, jiggieled maghha, tkissir etc. Ix-xhud jixhed illi hu kien involut f'xi erba' (4) kawzi. Jiddeskrivi lill-intimat u l-agir tieghu bhala donnu l-intimat kien kburi b'dak li ghamel u bl-inkwiet kollu li kkrea. Izid illi l-intimat kien jaghmel l-arja u li ghalih dak li kien qieghed jaghmel qiesu xejn m'hu xejn, filwaqt li l-attrici kienet dejjem mbikkija. Jispjega illi huma kienu jkelmuh izda wara li jkelmuh kien jerga' jcempel lill-attrici jaghmel il-hsejjes u jheddidha u jaghmel il-mossi biex jisfida l-awtorita'.

**Dr Bryony Balzan Bartolo, mill-Awtorita' tad-Djar**, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2020 quddiem l-Assistenta Gudizzjarju (vide fol 159, Vol 1) filwaqt li prezentat il-kuntratt ta' kirja relattiv ghall-fond *X* (Dok BBB1), tixhed illi l-kuntratt gie ffirmat fid-29 ta' Settembru 1981 minn JNP u tispjega illi f' kaz li jkunu kopja diga' mizzewga kien jiffirma l-*highest earner* jew ir-ragel, pero' tispjega illi ma tafx meta l-kopja kienu zzewgu. Izzid illi hemm xi arretrati dovuti u l-bilanc dovut huwa dak indikat fid-dokument BBB 2 u cioe bilanc ta' €2051.55. Tirrileva illi kien hemm ukoll talba biex il-kirja tinqaleb biss fuq l-intimat u dana stante li kemm l-attrici u kif ukoll l-intimat kienu rikonoxxuti bhala inkwilini. Skond l-ahhar *inspection report*, l-*actual tenant* kienu l-partijiet u t-tfal taghhom. Tispjega illi kien hemm ukoll rapporti li kien hemm zmien fejn ma kien hemm hadd joqghod fil-post u kienu qeghdin isiru investigazzjonijiet biex jigi determinat jekk il-post kienx vakanti o meno. Sussegwentement tixhed illi kienet intbaghatet ittra mill-Avukat Farrugia Zrinzo lill-Awtorita' tad-Djar fejn kien gie spjegat li l-attrici kellha titlaq mill-post u l-Awtorita' talbitha ghal kopja tas-separazzjoni.

Ix-xhud izzid illi biex isir trasferiment fuq parti jew ohra, irrid ikun hemm talba ufficjali da parti ta' parti jew ohra u jsiru l-invetsigazzjonijiet mehtiega sabiex jigi stabbilit jekk jistax isir it-trasferiment fl-inkwilin rikonoxxut. F'kaz ta' separazzjoni, tispjega illi kif l-Awtorita' ikollha kopja ta' kif giet allokata il-kirja, taghmel it-trasferiment tal-kirja u tibdel fir-rikonoxximent. Ghar-rigward tal-inspezzjonijiet tirrileva illi kienet saret wahda fit- 2 t'Awwissu 2017 fejn kienu

sabu lill-intimat fil-fond. Mistoqsija dwar meta sar l-ahhar hlas, ix-xhud kellha tivverfika.

**Reuben Bonnici mill-Arms Ltd**, xehed fis-seduta tad-19 ta' Frar 2020 quddiem l-Assistenta Gudizzjarju (vide fol 160) illi l-fond huwa registrat fuq JNP u prezenta kopja tal-kontijiet tal-ahhar sena u *statement* relattiv ghall-istess fond u estratt ta' prospett li juri l-pagamenti li saru akkont. Jispjega illi dawk il-pagamenti li jidhru bhala *paymemnt lot* fuq dok RB2 huma *vouchers* tas- *social services*. Illi fuq RB 3 dak li jidher bhala *manual payment* u fuq RB2 imnizzel bhala DSS voucher. Izid illi l-ahhar darba li mar xi hadd biex fizikament ihallas kien fl-2015.

**L-attrici MP xehdet permezz ta' affidavit a fol 163 et seq** illi hi u l-intimat izzewgu nhar it-18 ta' Gunju tas-sena 1981 fil-knisja ta' San Lawrenz il-Birgu. L-gherusija taghhom kienet wahda relattivament qasira ta' xi disa' (9) xhur u kienu ddecidew li jizzewgu meta harget tqila bl-ewwel wild. Flimkien huma kellhom erbat itfal, C, J, XA u R. Tispjega illi l-bniet huma kollha maggorenni u illum ghandhom il-familji taghhom, filwaqt li binhom kien tragikament inqatel fil- 21 t'Awwissu 2014. Tixhed illi wara li zzewgu huma marru jghixu ma' hu l-intimat, Jh, u wara li l-intimat kellu xi jghid ma' huh Jh, kienu marru ghamlu xi zmien jghixu ma' omm l-intimat. Illi kien f'dak l-istadju li l-intimat mar japplika mal-Awtorita' tad-Djar ghall-post tal-Gvern u wara ftit gimghat biss, instab post u filfatt l-intimat kien mar jiffirma l-kuntratt mal-Awtorita' fid- 29 ta' Settembru tal-1981. Illi l-post in kwistjoni huwa il-Flat X fil-Housing Estate tal-Gvern.

Fl-ewwel snin taz-zwieg, l-attrici tispjega illi hi kienet mara tad-dar, filwaqt li l-intimat kien jahdem, fejn kien ghamel zmien jahdem ma' missieru l-biccerija u wara sab xoghlijiet ohra bhal driver jew mal-*Freeport.* Tikkonferma li l-problemi fiz-zwieg taghhom kienu bdew mal-ewwel. Tixhed illi l-intimat kien jixrob hafna kemm fid-dar kif ukoll fil-hwienet u kien ikun regolarment fis-sakra. Tant hu hekk li kien hemm drabi fejn ghal *weekends* shah ma kienx jersaq lejn id-dar u kien ikun qieghed barra jixrob. Minhabba x-xorb l-attrici ssostni li l-intimat kien ta' spiss ikollu xi jghid man-nies u meta kien imur lura d-dar kien jizvoga fiha. Tiddeskrivi episodju meta l-intimat tant kien fis-sakra li kien raqad b'sigarett mixghul u spicca haraq l-appartament tant li kellhom ibiddlu l-ghamara kollha. Tispjega illi dan gara ftit qabel ma telqet mid-dar. Apparti x-xorb u s-sigaretti, l-attrici tirrileva illi l-intimat kien ukoll ipejjep il-*cannabis* id-dar specjalment fil-bidu taz-zwieg. Izzid illi jekk kienx jiehu drogi ohra ma tafx izda taf li kien hemm xi zmien madwar ghoxrin (20) sena ilhu fejn missieru kien dahhlu l-isptar San Luqa biex jaqta' dan il-vizzju, izda lilha qatt ma qalulha u saret taf biss ghaliex, meta kienet tmur tarah l-

isptar, il-haddiema tas-sigurta tal-isptar dejjem kienu jfittxhulha fil-basket.

Tiddiskrivi lill-intimat bhala persuna li kellu idhu hafifa u kien issawwatha ta' spiss ghalkemm lit-tfal qatt ma sawwathom, izda kien jhedded u jghajjar hafna lil kulhadd. Filfatt it-tfal kienu jibzghu hafna minnu. Tispjega illi ghal zmien twil hija dejjem zammet kollox mistur u ma kienitx taghmel rapporti mal-Pulizija ghaliex kienet imwerwra mill-intimat peress li kien jghidilha car u tond li jekk tirraportah, kien ser joqtolha. Kien jheddiha li fejn ma jasalx hu, kien iqabbad lil haddiehor. Ghalkemm kienet tiftah qalbha ma familjari, huma kienu jibzghu mill-intimat ukoll u ghalhekk qatt ma ghamlu xi pass kontrih specjalment wara episodju partikolari fejn meta binhom kellu biss erba' (4) xhur, wara argument li kien inqala bejn l-attrici u zewgha, l-intimat apparti li kien hedded lill-missier l-attrici, kien spara senter go d-dar ta' ommha u filfatt kienet intlaqtet omm l-attrici f'kuxxtejha. Ghalkemm kienu infethu proceduri kontra l-intimat, huwa kien hareg liberat.

Minkejja dan kollu, hija baqghet tghix mieghu ghaliex genwinament hasset li kien lest joqtol u kompliet tistaporti minhabba li kienet tibza mill-intimat u riedet tipprova zzomm il-familja maqghuda. Izzid illi kien hemm drabi fejn telqet mid-dar ghal xi zmien qasir izda dejjem spiccat tmur lura. Kienet sahansitra fethet medjazzjonijiet biex iggib is-separazzjoni izda l-intimat ma kienx jitla'. Tispjega illi kienet bintha XA li ghamlitilha kuragg biex titlaq ghaliex kienet xebghet tara l-abbuzi ta' missierha, tant li kienet qalet lill-attrici li kellha taghzel bejnha jew bejn missierha. Kien f'dan l-istadju li telqet mid-dar flimkien ma' XA u R ghaliex l-ohrajn kienu diga maggorenni u marret tghix f'*shelter*. Tixhed illi l-ewwel ma kienet marret kien l-Ghabex. Hi kienet telqet mid-dar bit-tfal f'Gunju tas-2007 u fis snin ta' wara kienet marret f'diversi *shelters*. Filfatt, l-Ghabex marret darbtejn u marret ukoll Dar Emmaus f'Ghawdex, Dar Merhba Bik u Dar Maria Dolores. Izzid illi it-tieni darba li marret Dar Ghabex, l-intimat kien sar jaf u kien mar biex jahraq il-post bil-*petrol*.

Isostni li kienet fethet medjazzjoni fl-2004 u ohra fl-2009 u li fl-2009 kienet anke fethet kawza, izda minhabba dak li jghidilha l-intimat, kienet iccedi u taghlaq kollox peress li l-intimat qatt ma kien jidher, u kienet qatghet qalbha. Illi tul dawn il-perjodu, l-intimat dejjem baqa' jheddida jew li ha jibghata l-isptar *Mount Carmel*, u fil-fatt meta kienu jidhru l-Qorti kienet tispicca tahfrilhu u kien biss wara li telqet mid-dar li bdiet taghmel ir-rapporti mal-Pulizija. Tispjega illi s-sitwazzjoni kompliet tiggrava u spicca kollox meta fl-21 t'Awwissu tal-2014 meta kien hemm maghha it tifel Ju waqt li kien qieghed fil-gallarija ghall-habta ta' 20:45 ghadda xi hadd, sparalu u miet.

Tixhed illi kienu gew il-Pulizija u hi cemplet lill-intimat u peress li l-post kien xena ta' delitt l-Ispettur kien qalilha li ma setghatx torqod hemm. Staqsiha jekk setghatx tmur ghand l-intimat u dan kontra l-volonta' taghha ghaliex li l-intimat ma kienx f'sensih, u kien qieghed jixorb hafna *whiskey*. Tant hu hekk, li f'mument minnhom, l-intimat kisser it-tazza li minnha kien qed jixrob u beda jipprova jdahhal hgiega f'ghonq l-attrici. Minkejja li kienet infethet kawza kontra l-intimat, kien rega' hareg liberat ghaliex kien gie argumentat li kien ghadu taht *shock* minhabba l-mewt ta' binhom. Wara dan l-episodju, tixhed illi bdiet kampanja shiha ta' theddid da parti tal-intimat fil-konfront taghha, u kienet ghamlet tlett (3) rapport fi granet differenti u eventwalment l-intimat kien instab hati u wehel il-habs. Tispjega illi l-ewwel kaz li kellu kien fuq fastidju fejn kien instab hati u kkundanat hmistax (15)-il xahar prigunerija, liema sentenza kienet konfermata fl-appell u kien dahal il-habs.

Fl-istess zmien kellu kawza ohra li giet deciza fil-5 t'April 2016 fejn inharget Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront taghha. Fil-perjodu fejn l-intimat kien il-habs, l-attrici marret tghix fil-post taghhom f'X, u kif kien ser jigi rilaxxat mill-habs, regghet telqet. Gara pero li kellha tirritorna d-dar biex tiehu xi hwejjeg taghha. Ghaldaqstant, l-ewwel darba marret man-neputi u l-intimat kien gab ruhhu sewwa, izda t-tieni darba li marret, spicca ta bil-ponn u marret taghmel rapport. L-intimat kien gie misjub hati u rega' wehel sitt (6) xhur prigunerija, liema sentenza kienet ikkonfermata mill-Appell fit-22 ta' Novembru 2018. F'dan l-istadju regghet fethet proceduri ta' medjazzjoni u ghamlet rikors biex tigi awtorizzata tghix fil-post wahida, liema rikors intlaqa' u kienet awtorizzata tibdel is-serratura. Meta hareg mill-habs, f'April tal-2019 u biex ma taqlax inwkiet minkejja d-digriet tal-Qorti, hallietu joqghod hemm ghal xi gimgha biex jilhaq jippakkja l-affarijiet tieghu u jmur joqghod x'mkien iehor. Izda l-intimat ma riedx jitlaq mill-post u kellha tirrikorri ghall-assistenza tal-Pulizija jizgumbrawh u minn hemm fethet din il-kawza.

L-attrici xehdet li minn meta telqet mid-dar fl-2007, u cioe u f 'dawn l-ahhar tlettax (13) –il sena, ghexet f'shelters jew f'postijiet li kienet tikri. Ziedet tghid li bdiet tghix fid-dar matrimonjali b'mod regolari, biss, f' dawn l-ahhar ftit xhur. Kien dejjem l-intimat li ghex fid-dar matrimonjali f'dawn l-ahhar snin, tant li l-intimat tella' kont ta' aktar minn €2,400 kontijiet tad-dawl u ilma u kwazi €2000 ohra f'kera dovuta lill-Awtorita' tad-Djar. Izzid illi ftit qabel ma telqet mid-dar kienet inxtrat karozza Hyundai Getz li kienet registrata f'ismiha izda dejjem kienet fil-pussess tal-intimat ghal dawn l-ahhar tlettax (13)–il sena u taf li hemm hafna licenzja b'lura u citazzjonijiet li jghajtu lilha. Apparti l-proceduri odjerni, isostni li ghad fadal kawza ohra pendenti kontra l-intimat fuq theddid permezz ta' mobile, ta' meta hija kienet imsiefra

Franza fis-sena 2018 li qed tinstema' quddiem il-Magistrat Dr Nadine Lia.

**Stephen Cachia rapprezentant ta' Transport Malta** xehed nhar id- 19 t'Ottubru 2020 quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn prezenta sensiela ta' dokumenti li jindikaw il-vetturi registrati fuq l-attrici. Jispjega illi prezentement ma hemm l-ebda vettura registrata fuq l-intimat.

**Elaine Pavia Kap tas- Servizzi tal-Fondazzjoni Dar Merhba Bik** xehdet nhar id-19 t'Ottubru 2020 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, fejn spjegat illi l-attrici giet riferita lilhom f'Mejju tal-2018 minn haddiema socjali fit-taqsima tal-vjolenza domestika wara li kienet alloggjata f'Dar Emmaus f'Ghawdex u kien skada iz-zmien allokat lilha, ghalkemm l-attrici kienet ghadha tehtieg il-protezzjoni. Izzid illi kienu damu ftit granet sakemm sabulha post u kienu tkelmu ma' residenza ohra biex sakemm huma jkollhom post vakanti, l-attrici setghet tirrisjedi fir-residenza l-ohra. Kien fl 14 ta' Mejju 2018 li l-attrici dahlet Dar Merhba Bik. Meta dahlet kien spjegatilhom il-biza li kien hemm minhabba l-aggressjoni da parti tal-intimat li kienet qaltilhom kien ir-ragel taghha. Tirrileva illi z-zmien li ghamlet l-attrici maghhom kien wiehed qasir ghaliex telqet mis-shelter fit-28 ta' Gunju tal-istess sena. Isostni li fil-bidu l-attrici kienet imbezza u lanqas kienet tohorg mis-shelter biss imbaghad bdiet iggib xi ftit kuragg u anke bdiet tahdem lejn l-ahhar zmien li ghamlet maghhom. Meta kienet hemm kienet wahida imma ta spiss kienet tigi taraha bintha R.

Tikkonferma illi l-attrici dahlet f'Dar Merhba Bik fl-14 ta'Mejju 2018 u telqet fit 28 ta' Gunju 2018.

**Ian Galea fil-kariga tieghu ta' Manager u in rapprezentanza tal-Fondazzjoni Dar il-Hena** u li tahta taqa' Dar Maria Dolores, xehed nhar id- 19 t'Ottubru 2020 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, illi Dar MPhija *emergency homeless shelter* f' Birkirkara u li persuna tista' tidhol u tohrog meta trid. Filwaqt li prezenta *log* tal-granet li ghamlet hemmhekk, jispjega illi l-attrici dahlet maghhom fis-26 t'Awwissu 2018 u damet sas-7 ta' Novembru 2018. Izid illi l-persuni li jaghmlu uzu minn dan is-servizz ikunu riferuti ghandhom mill-Appogg, kif gara fil-kaz tal-attrici, li giet riferuta minhabba li kellha *domestic violence case.* Minn naha taghhom spjega illi peress li s-shelter taghhom huwa *a first aid shelter*, huma jibdew proceduri sabiex isibu *placement* go *shelter* iktar *long term* u residenzjali. Jiftakar li l-kaz tal-attrici kien filfatt wiehed ta' emergenza u ghalhekk dahlet mal-ewwel hemmhekk.

**Maria Dolores Fenech, Assistent Registratur, Qrati Kriminali** xehdet nhar id- 19 t'Ottubru

2020 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, u prezentat zewg sentenza decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tal-intimat, wahda deciza mill-Imhallef Dr. Edwina Grima fil-21 ta' Jannar 2016 u l-ohra moghtija mill-Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-22 ta' Novembru 2018. Ix-xhud ikkonfermat li ma hemm l-ebda kawzi pendenti kontra l-intimat ghal dak li jirrigwarda kumpilazzjonijiet stante li bhala registru tal-Qorti Kriminali huma ikunu jafu biss bil-kumpilazzjonijiet u b'kawzi li qieghdin quddiem Qorti tal-Appell. Izzid illi proceduri tad-distrett huma ma jkunux jafu bihom.

**Yvonne Fiorini Lowell, social worker leader fi hdan l-Ghabex Shelter,** xehdet nhar id- 19 t'Ottubru 2020 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, fejn spjegat illi hi lill-attrici ma tafhiex u dana stante li l-attrici ma kinitx hemm fi zmienha. Mid-dokumentazzjoni jirrizulta illi l-attrici dahlet l-iktar ricenti fit-13 ta' Gunju. Tirrileva illi l-ewwel darba li dahlet kien fid-19 t'April 2004 u telqet fl-istess gurnata u kienet giet flimkien maz-zewgt itfal taghha XA u R. Sussegwentement kienet giet fil-21 ta' Mejju 2004 u ghamlet sa 31 ta' Mejju 2004 mal-isess zewgt itfal. Regghet marret fit-3 ta' Gunju 2004 u ghamlet sad 9 ta' Novembru 2004 mal-istess zewgt itfal. L-attrici marret lura fl-2017, fit-13 ta' Gunju 2017 sat-22 ta' Gunju 2017 din id-darba wahidha u marret ukoll fit-26 ta' Gunju 2017 u ghamlet sal-25 ta' Lulju 2017 ukoll minghajr tfal. Ix-xhud ziedet illi minn informazzjoni li ghandha l-abbuz dejjem kien mill-istess partner u cioe mill-intimat u li dejjem hu kien il-perpetrator u li dejjem kien hemm problem ta' vjolenza domestika. Ix-xhud tixhed illi minn informazzjoni li ghandha jidher li l-attrici meta telqet mis-shelter dejjem marret lura d-dar.

**L-Ispettur Paul Camilleri stazzjonat l-Ghassa ta' Rahal Gdid** xehed nhar id- 19 t'Ottubru 2020 quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn esebixxa l-fedina penali tal-intimat. Jiddikjara illi huwa ilu stazzjonat l-ghassa ta' Rahal Gdid sentejn. Izid illi jiftakar illi darba kellhom kaz fejn kien involute hu u l-partijiet, fejn kienet inhareg digriet mill-Qorti u l-intimat gie zgumbrat mid-dar u l-attrici rrikorriet ghall-assistenza tal-Pulizija. Jixhed illi kienu marru biex jizgumbrawh ghaliex l-attrici kienet infurmathom li kien perikoluz u ghalhekk kienu bghatu ghal xi Pulizija li kienu gew mis-sezzjoni tal-RIU. Jispjega illi kif kienu ha jifqghu l-bieb itawwal taht il-bieb u ra ic-cavetta, dahlu u mal-genb tal-bieb max-xambrella isfel fuq it-targa kien hemm ic-cavetta. Izid illi huma dahlu bic-cavetta u ma kienux faqaghu l-bieb, daru l-post u kien vojt. Jixhed illi kien cempel lill-attrici u ta c-cavetta u minn dak in-nhar l'hawn ma regawx iltaqghu. Jispjega illi l-attrici kienet gabet id-digriet tal-Qorti maghha.

**Fr. Michael Xuereb, Direttur ta' Dar Emmaus ta' Victoria Ghawdex** xehed nhar id- 19

t'Ottubru 2020 quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn spjega illi l-attrici kienet residenti minn 17 t'Awwissu 2017 sal-bidu ta' Jannar 2018. Il-Head of Home li kien hemm dak iz-zmien m'ghadux jahdem maghhom. Izid illi l-attrici kienet giet minhabba kwistjoni ta' vjolenza domestika mir-ragel taghha u li kienet giet riferita minn Social Worker, Colette, u kienet din l-istess persuna li baghtet ir-Rapport taghha.

**L-attrici xehdet** ukoll nhar id-19 t'Ottubru 2020 quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn spjegat illi kienet ghamlet rapport l-Ghassa dwar l-Hyundai Getz, u giet infurmatha li kien hemm hafna dejn fuq il-karozza u li ghalkemm kienet tghajjat lilha, l-intimat ma riedx jirritorna l-karozza. Maz-zmien bdew gejjin ic-citazzjonijiet tant li llum il-gurnata hemm xi erbat elef ewro (€4000) f'citazzjonijiet. Izzid illi meta kienet talbet lill-intimat jaghtiha l-karozza u tibda thallas il-kambjali hi, kien jghidilha li hi m'ghandha xejn u li kien ser jaghmel l-almu tieghu biex izid ic-citazzjonijiet halli l-karozza ma jibqghalha ebda valur. Ghar-rigward ic-Chevrolet, tispjega illi kienet irritornat din il-karozza minghand min kienet xtratha peress li dak iz-zmien ma kienitx f'posizzjoni li tkompli thallasha.

**Stephen Baldacchino[2] rapprezentant mill-BNF Bank, Gabriella Marmara rapprezentanta mill-APS Bank, u Dorianne Farrugia[3] rapprezentanta mill-Lombard Bank** xehdu illi skont ricerka li saret fis-sistema tal-bank, jirrizulta illi l-partijiet ma kellhom l-ebda kontijiet fil-Bank rispettiv taghhom.

**Johanna Bartolo[4] in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc xehdet illi** kontijiet f' isem l-intimat mal-Bank of Valletta ma kienx hemm u illi irrizulta kont wiehed tat-tip savings account li infetah fit-8 ta' Frar 2011 f'isem ir-rikorrenti, u liema kont ghadu miftuh. Ix-xhud prezentant dokument Dok "JB 1".

**Lorraine Attard[5] in rapprezentanta tal-bank HSBC Malta plc, xehdet illi** minn ricerka li saret fuq perjodu li jkompri dawn l-ahhar ghaxar (10) snin irrizulta illi f'isem ir-rikorrenti kien hemm savings account li nghalaq fi- 6 ta' Dicembru 2018, zewg loan accounts u kont ta'credit card. Ix-xhud esebit id-dokumenti mmarkati LA1 sa LA4. Fir-rigward tal-intimat instabu savings account li ghadu miftuh, current account li wkoll ghadu miftuh, u loan account bi zbilanc ta' elfejn, mija, tlieta u tmenin ewro (EUR 2183) sat-tmienja u ghoxrin (28) ta'

[2] Vide xhieda datata 30 November 2020.
[3] Vide xhieda datata 30 November 2020.
[4] Vide xhieda datata 30 November 2020.
[5] Vide xhiedha datata 15 Jannar 2021.

Dicembru elfejn u ghoxrin (2020) piu' l-imghax ta' elf, tmien mija, erbgha u sebghin ewro u sebgha u erbghin cetemzu (EUR 1874.47). Ix-xhud prezentant id-dokumenti LA5 sa LA7.

**L-attrici riprodotta nhar id- 29 ta' Jannar 2021,** xehdet ghar-rigward is-self li jidher li ghamel l-intimat mal-bank HSBC, hija ddikjarat illi sakemm kienu flimkien huma qatt ma hadu self mill-bank u li issa ilha erbatax- il sena (14) separate de facto minn mal-intimat. Izzid li anzi meta hija kienet tghid lill-intimat biex jaghmlu *loan*, hu kien jghidilha biex ma jidhlux fid-dejn. Mistoqsija fejn qieghed jghix l-intimat, twiegeb illi taf li l-intimat qieghed jahdem Wied iz-Zurrieq u li qieghed joqghod iz-Zurrieq go xi post ta' sid il-hanut fejn l-intimat qieghed jahdem, u li taf dan ghaliex tistaqsi ghaliex il-Pulizija ilhom ifittxuh xi tlett (3) snin. Tikkonferma illi lilha qatt ma infurmaha b'dana il-loan u meta jcempel, icempel biex jheddiha.

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat fit-3 ta' Lulju 2019 huwa baqgha kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza***

***billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.„***

***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***"

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba eccessi, sevizzi u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma:

***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza millPrim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li***

***minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB*** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara azzjoni istitwita mir-rikorrenti kontra l-intimat zewgha. Jirrizulta illi l-partijiet kienu izzewgu fit-18 ta' Gunju 1980 u minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, tlieta minnhom illum il-gurnata maggorenni, filwaqt li bin il-partijiet JP kien gie maqtul tragikament.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat.

Illi jirrizulta li matul iz-zwieg, l-intimat kien frekwentement fizikament vjolenti ma' martu, sahansitra anke quddiem uliedhom, tant li kif tixhed l-attrici stess fl-affidavit taghha, kienet

wahda mill-bniet li fethet ghajnejn l-attrici sabiex titlaq mid-dar ghaliex kienet xebghet tara l-abbuzi ta' missierha, u qalet lill-attrici li kellha taghzel bejnha jew bejn missierha. L-attrici fix-xhieda taghha mhux kontradetta tispjega illi l-intimat sa mill-bidu taz-zwieg taghhom kien jixrob hafna kemm id-dar, kif ukoll fil-hwienet u li kien jaghmel *weekends* shah l' boghod mid-dar jixro. Kien hemm perjodi wkoll fejn jien jpejjep il-cannabis. L-attrici ssemmi episodju partikolari fejn l-attrici marret tigbor xi affarijiet mid-dar matrimonjali wara li l-intimat kien ghadu kif hareg mill-habs u fl-okkazzjoni li marret wahidha, qabad itiha bil-ponn u kellha tmur taghmel rapport l-Ghassa. Issemmi episodju iehor fejn wara l-mewt tragika ta' bin il-partijiet, l-intimat flok ma kien ta' farag ghall-martu u ghal bqija tal-familja, prova jdahhal hgiega go ghonq l-attrici. Illi dan l-episodju kien precedut minn episodju iehor gravissimu meta bin il-partijiet kellhu biss erba xhur u in segwitu ta' argument, l-intimat spicca biex spara tir fid-dar ta' omm l-attrici, b'resultat li laqghat lill-kunjata tieghu f'kuxxtejha. Filfatt ghalkem l-attrici kienet tiftah qalbha mal-familjari taghha, hadd minnhom qatt ma azzarda jiehu passi fil-konfront tal-intimat.

Illi di piu' din il-Qorti tqis illi mill-fedina penali imzewqa tal-intimat esebita in atti *a fol* 216, jirrizulta li l-intimat kien instab hati ta' offizi kontra l-paci pubblika u l-buon ordni, offizi li jirrigwardaw l-uzu ta' armi tan-nar, u lista shiha ta' offizi ohra relatati ma' ingurji u fastidju, liema fedina penali hija konferma lampanti tal-vjolenza u l-aggressjoni tal-intimat versu l-attrici li giet kostretta tghix hajja ta' terrur u vjolenza kontinwa fil-hajja mizzewwga.

Jirrizulta wkoll illi l-intimat kien jinsulenta, u jhedded lill-attrici kontinwament. Tixhed illi kien isegwiha u jiffastidjaha b'mod sistematiku u regolari, kif jixhdu il-hamsa u tletin (35) rapport mal-Pulizija esebiti in atti, tant li kemm ilha li telqet mid-dar matrimonjali, l-attrici giet kostretta tfittex residenza f'diversi *shelters* ma' Malta u Ghawdex. Eppure dejjem spiccat tormentata mill-intimat, il-ghaliex minkejja diversi rapporti, twissijiet mill-Pulizija u mill-Qrati, u hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni, l-intimat baqa' jippersegwita, jiffastidjaha u jibghatilha messaggi oxxenni u ta' theddid, u telefonati kontinwi lejl u nhar. Il-Qorti tosserva illi dan kollu huwa kkonfermat mhux biss mix-xhieda tar-rikorrenti imma huwa korraborat ulterjorment mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, esebiti in atti *a fol 205 et seq* liema sentenzi huma kollha konfermati mill-Qorti tal-Appell u jiddeskrivu f'dettall konsiderevoli l-agir depplorabbli tal-intimat. Sahansitra jirrizulta ukoll li l-intimat baqa jhedded u jiffastidja lill-attrici **anke mill-habs.**

Il-Qorti tosserva illi hadd mill-ulied ma xehed fil-mori tal-proceduri, irrizulta mix-xhiedha ta' Yvonne Fiorini Lowell, *social worker leader* fi hdan l-Ghabex Shelter, li meta l-attrici kienet

residenti hemmhekk, maghha kien hemm ukoll iz-zewgt ibniet iz-zghar, XA u R, li minhabba l-agir tal-intimat missierhom spiccaw diehlin u hirgin f'*shelters* flimkien mal-attrici.Illi ghalkemm illum il-gurnata ulied il-partijiet huma maggorenni, xorta wahda tqis illi huma, bhall-attrici, kienu vittmi ta' vjolenza domestika u dan tenut kont tal-fatt illi ghalkemm l-intimat, ma kienx vjolenti direttament fil-konfront tal-ulied, kif tikkonferma l-attrici stess, kien vjolenti m'ommhom, ghajjat, ghajjar u hedded lill-ommhom fil-presenza taghhom. Dan jaghmel l-imgieba tal-intimat ferm aktar disgustanti u censurabbli, u jirraprezenta ksur tad-doveri tal-intimat kemm bhala ragel mizzewweg u kif ukoll bhala missier u hati ta' vjolenza domestika morali fil-konfront tal-ulied. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan*** citata aktar il-fuq, fejn intqal illi:

> ***"Jirrizulta wkoll illi it-tlett ulied minuri kienu l-vittma ta' vjolenza da parti tal-konvenut, mhux necessarjament fizika izda certament vjolenza morali meta kien jerfa jdejh fuq l-attrici fil-presenza tal-minuri."***

Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat ir-rapporti numeruzi li gew esebiti, u b'mod partikolari ix-xhiedha tas-Surgent Sandro Mallia fejn jirrileva illi l-intimat kien kburi bil-hsara, id-disagju u l-inkwiet li kkaguna lill-attrici u li tant kellu ardir li immedjatament kif jitilqu l-Pulizija, kien jerga' jattakka u jintimida lill-attrici u jisfida l-awtorita', fatti li jipprovaw bla xrara ta dubju li l-intimat huwa unikament hati ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Illi ta' applikazzjoni ghal kaz odjern huwa dak li gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Frar 2016, fejn intqal illi:

> ***M'hemmx dubju illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza…***

Illi ulterjorment, il-Qorti rat ukoll illi kemm mix-xhieda tar-rikorrenti u x-xhiedha tar-rapprezentanti tal-ARMS u tal-Awtoirta tad-Djar jirrizulta illi l-intimat kien ferm irresponsabbli waqt iz-zwieg u dana billi tella' kont assurd mal-ARMS, iehor mal-Awtorita tad-Djar rapprezentanti arretrati tal-kera dovuta lill-istess Awtorita' u ammont eccessiv ta' citazzjonijiet b'vendikazzjoni lejn l-attrici stante li l-karozza kienet u ghadha fuq isimha.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis illi l-verzjoni tar-rikorrenti dik veritiera u kkorroborata minn provi oggettivi, in partikolari is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati msemmija aktar il-fuq u x-xhieda tar-rapprezentanti tad-diversi *shelters* u tal-membri tal-korp tal-Pulizija. Il-Qorti taghraf illi, minkejja li l-intimat kien kontumaci, xorta wahda kellu dritt illi jaghmel kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti mir-rikorrenti u jressaq nota ta' sottomissjonijiet tieghu, izda huwa baqa' ma kkontesta bl-ebda mod il-provi prodotti minnha.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba vjolenti tal-intimat fil-konfront ta' martu r-rikorrenti u tan-nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala konjugu u bhala missier. Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> ***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.***

Fil-fehma tal-Qorti, il-vjolenza fizika, emozzjonali u psikologika ipperpetrata mill-intimat kontra r-rikorrenti jissarrafu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala ragel mizzewweg ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u hija tali li tattira l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ai termini tal-Artikolu 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili, u ghalhekk qed jigu applikati *in toto* l-effetti kollha tal-istess Artikolu 48.

**Komunjoni tal-Akkwisti:**

lli mill-provi jirrizulta illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet essenzjalment tikkonsisti fid-dar matrimonjali, vettura u kontijiet bankarji.

*Dar Matrimonjali*

Mill-provi fl-atti jirrizulta illi l-appartament numru X u cioe id- dar matrimonjali jekk tista' tissejjah hekk, stante li l-attrici minhabba l-agir vjolenti tal-intimat, iktar ghamlet zmien tghix barra d-dar matrimonjali milli go l-istess,  gie koncess lill-partijiet fuq titolu ta' kera mill-Awtorita' tad-Djar u dan ai termini tal-kuntratt immarkat Dok BBB1 a fol 131.

In vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula iktar l'fuq, din il-Qorti tqis illi din il-kirja ghandha tigi assenjata unikament lill-attrici u li ghandha tkun l-attrici li tirrisjedi fl-imsemmi appartament u dan ad eskluzjoni tal-intimat.

Stante li rrizulta li kien l-intimat li dejjem ghex f'dan il-fond ad eskluzjoni tar-rikorrenti, peress li r-rikorrenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali minhabba vjolenza domestika da parti tal-intimat, din il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jkun wahdu responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet ta' dawl u ilma pendenti ghal dawn l-ahhar erbatax (14)- il sena. Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-attrici ghandha tkun responsabbli ***biss*** ghal dawk l-kontijiet li jkopru il-perjodu sussegwentement ghall-ghotija tad-digriet ta' din il-Qorti fejn l-attrici giet awtorizzata li tirrisjedi b'mod esklussiv fid-dar matrimonjali. Bl-istess mod, ir-responsabbilita' ghall-hlas tal-arretrati dovuti lill-Awtorita' tad-Dar sad-data tad-digriet su indikat, fl-ammont ta' circa €2051.25[6], ghandha tkun unikament tal-intimat.

*Vetturi*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi waqt iz-zwieg tal-kontendenti ir-rikorrenti kellha vettura tal-marka u tip Hyundai Getz bin-numru ta' registrazzjoni RAI 211 irregistrata fuq isimha. Mix-xhieda tal-attrici jirrizulta illi minkejja li din il-vettura hija registrata fuq isem l-attrici, din ilha fil-pussess tal-intimat minn meta l-attrici telqet mid-dar fis-sena 2007. Illi ulterjorment jirrizulta wkoll illi dak li xehdet l-attrici u cioe li l-vettura kienet qieghda tinstaq mill-intimat minghajr licenzja mhallsa, b'dana illi akkumula somma sostanzjali f'multi, huwa korraborat mill-fedina penali tal-intimat.

Ghaldaqstant, u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi din il-vettura ghandha tigi assenjata lill-intimat u bl-istess mod, il-multi akkumulati ghandhom ukoll jigu assenjati lill-intimat u dana stante li dawn il-multi huma riflessjoni ulterjuri tal-agir vendikattiv tal-intimat.

*Kontijiet Bankarji*

Il-Qorti rat illi kull wiehed mill-partijiet ghandu xi kontijiet personali intestati fuq ismu. Il-Qorti tqis illi l-kontijiet bankarji ghandhom jigu assenjati lill-parti fuq isem min huma intestati.

Rigward il-*personal loan* li saret referenza ghalih mir-rapprezentana tal-HSBC Bank Malta plc,

---

[6] Liema ammont jirrizulta mill- istatement of account esebit u mmarkat dok BBB2 a fol 134.

u liema self ittiehed unikament mill-intimat ad insaputa tal-attrici wara li l-istess attrici telqet mid-dar matrimonjali, il-Qorti tqis li l-intimat ghandu jkun *unikament responsabbli* ghal dan is-self, flimkien mal-imghax dovut fuq dan l-ammont.

Fir-rigward tal-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti, kif diga kkunsidrat minn din il-Qorti aktar l'fuq, rat illi mill-provi jirrizulta illi hemm arretrati mal-kumpanija ARMS Limited kif jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-ARMS u d-dokumentazzjoni esebita. Stante li l-intimat ilu jirrisjedi fid-dar matrimonjali wahdu fil-fond in kwistjoni wara li r-rikorrenti kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali minhabba vjolenza domestika, tqis illi dan l-ammont dovut lill-Arms ghandu jigi assenjat lil intimat, flimkien mal-arretrati dovuti lill-Awtorita' tad-Dar sad-data tad-digriet su indikat, u il-multi akkumulati fuq il-vettura tal-marka u t-tip Hyundai Getz. Di piu' kif indikat aktar l'fuq, l-intimat ghandu jkun *unikament responsabbli* ghas-self personali f'isem l-intimat mal-HSBC Bank Plc flimkien mal-imghax dovut fuq dan l-ammont.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi P ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

    i) **Il-kontijiet bankarji ezistenti qed jigu assenjati lil dik il-parti fuq isem min ikunu intestati, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa fil-kaz illi jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn intestat lil parti l-ohra;**

    ii) **Tassenja lill-intimat id-dejn dovut mal-kumpanija Arms Limited flimkien mal-arretrati dovuti lill-Awtorita tad-Dar, it-tnejn sad-data tad-digriet tas-6 ta' Marzu 2019. Ulterjorment tordna illi l-multi akkumulati fuq il-vettura tal-marka u t-tip Hyundai Getz ghandhom jithallsu mill-intimat.**

    iii) **Tordna li l-intimat ghandu jkun unikament responsabbli ghas-self personali**

**f'isem l-intimat mal-HSBC Bank plc flimkien mal-imghax dovut fuq dan l-ammont.**

3) **Tilqa' it-tielet talba tal-attrici u tassenja lir-rikorrenti l-kirja tad-dar matrimonjali ossia, il-fond X, mikri minghand l-Awtorita' tad-Djar ad esklusjoni tal-intimat;**

4) **Tilqa' r-raba talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat jirritorna kwalsiasi oggetti li jappartjenu lir-rikorrenti;**

5) **Tilqa' il-hames talba u tapplika kontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 53 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

**L-ispejjez kollha huma a karigu tal-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**